# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum id-19 t'Ottubru, 2018.**

**Rikors Numru 1464/18/1**

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni**
**fl-ismijiet:**

**Jeffrey Cutajar**
**(I.D. 1017149 (M)**

**vs.**

**Maria Melita Attard *sive***
**Mary Nellie Borg**
**(I.D. 449238 M)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat iz-17 ta' Settembru, 2018, (ara foll 1);

2. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll iz-17 ta' Settembru, 2018, (ara foll 1 u 30);

3. Rat ir-risposta datata l-20 ta' Settembru, 2018, (ara foll 18);

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

6. Illi permezz tar-rikors promotur fuq indikat ir-rikorrenti qed jipprova jittutela d-drittijiet tieghu fir-rigward tal-proprjeta` hemm indikata, (ara foll 1);

7. Illi ghalhekk qed jitlob lil din il-qorti biex tinibixxi lill-intimati milli jbieghu jew jittrasferixxu xi drittijiet fuq il-proprjeta` *de quo stante* li qed jivvanta drittijiet fir-rigward a bazi ta' konvenju datat l-14 ta' Settembru, 2017, (ara foll 10);

Ikkunsidrat:

8. Illi biex ikun jista' jinhareg Mandat t'Inibizzjoni definittiv jinhtieg li jissussistu s-segwenti rekwiziti:

    8.1. Id-dritt *in prima facie* tar-rikorrenti;

    8.2. Il-htiega ghar-rikorrenti li jinhareg il-mandat in kwistjoni biex jigu protetti d-drittijiet tal-istess rikorrenti;

    8.3. Il-pregudizzju li r-rikorrenti ser isofri;

9. Illi jirrizulta pacifiku li r-rekwiziti elenkati fil-paragrafu precedenti jridu jkunu kumulattivi u mhux alternattivi ghal xulxin;

10. Illi inoltre dawn huma kriterji oggettivi u, fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat, il-qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva fir-rigward *stante* li f'mandat ta' inibizzjoni, bhal kull mandat kawtelatorju, tali ordni ssir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita fir-reqqa izda biss superficjalment *in prima facie*;

Ikkunsidrat:

11. Illi jirrizulta li l-konvenju in dizamina hu suggett:

> "... ghall-otteniment mill-Awtorita` tal-Ippjanar tal-permess relattiv ghat-twaqqiegh tal-proprjetajiet ezistenti illum u ghall-izvilupp edilizju u ghal dan l-iskop il-kompratur jintrabat illi jaghmel l-applikazzjoni relattiva kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard mit-30 ta' Ottubru 2017, u jsegwiha diligentament. Ghal dan l-iskop gia` gie imqabbad il-perit", (ara foll 12);

Ikkunsidrat:

12. Illi minn ezami tar-relazzjoni peritali *ex parte* datata z-19 ta' Settembru, 2018, (ara foll 14), jirrizulta li effettivament ma saret l-ebda applikazzjoni fir-rigward tal-proprjetajiet in dizamina;

13. Illi in vista tal-istess, l-istess perit relatanti ikkonkluda:

> *"... that NO permits within the last 2 years have been applied onto the above mentioned properties*", (ara foll 15);

Ikkunsidrat:

14. Illi fin-nuqqas ta' tali applikazzjoni ghall-permessi relattivi allura jirrizulta assodat li l-effetti tal-konvenju *de quo* ma jistghux jiskattaw u konsegwentement, ir-rabta prospettata mill-istess bejn il-partijiet ma tistax tkun vinkolanti;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi in vista tal-premess jirrizulta assodat li r-rikorrenti ma ghandu l-ebda dritt *in prima facie* biex iwaqqaf lill-intimata biex tagixxi kif jidhrilha xieraq, u konsegwentement:

**DECIDE:**

15.1. Ir-rikorrenti m’ghandu l-ebda dritt *in prima facie* fir-rigward;

15.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

15.3. Takkolji r-risposta tal-intimata;

15.4. Tirrevoka ghalhekk *contrario imperio* d-digriet preliminari taghha datat iz-17 ta’ Settembru, 2018.

15.5. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra r-rikorrenti.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**